# Minuti tas-Sitta u Tletin-il (36) laqgħa tas-Seba' Kunsill Lokali Nadur Nhar il-Ħamis 23 ta' Ottubru, 2014 fit-5:30 p.m.

Preżenti:-

| | |
|---|---|
| Charles Said | Sindku |
| Eucharist Camilleri | Kunsillier |
| Dr. Josianne Cutajar | Kunsillier |
| Dr. Rita Mifsud | Kunsillier |
| Danica Ann Cassar | Ambaxxatur taż-żgħażagħ |
| *Rita Mifsud Attard* | *Segretarju Eżekuttiv* |

*Dr. Josianne Cutajar waslet fis-7:00 p.m. Maria Natoli tinsab imsiefra.*

---

1. **Talba.** Il-laqgħa bdiet bit-talba.

2. **Minuti.** Il-minuti tal-laqgħa numru ħamsa u tletin (35) tas-seba' Kunsill ġew approvati, iffirmati u ddikjarati bħala dokumenti uffiċċjali.

3. **Knis.** Il-Kunsill qed jirċievi kummenti tajbin dwar il-kuntrattur il-ġdid tal-knis.

4. **Wied Bingemma.** Ix-xogħol ta' resurfacing fi Triq Wied Bingemma huwa lest. Il-Kunsill għamel is-sottomissjonijiet tiegħu sabiex jieħu il-fondi mingħand il-Gozo Action Group.

5. **Halloween.** Fl-attivita' tal-Halloween li ser issir nhar il-Gimgħa 31 ta' Orttubru ser ikun hemm varjeta ta' attivitajiet li ser jiġu organizzati mis-sidien tal-ħwienet kif ukoll mill-Kunsill Lokali. Il-Kunsill għandu jagħti permessi għall-kiosks u mwejjed u siġġijiet jekk ikun hemm talbiet għalihom. Jidher li ser ikun hemm rispons tajjeb u hemm stennija għal din l-attivita.

6. **Jum il-Kunsill.** Il-programm ta' Jum il-Kunsill huwa lest u tqassam mall-pubblikazzjoni tal-Kunsill. Il-programm tpoġġa wkoll fuq il-website tal-Kunsill u l-paġna tal-Kunsill fuq il-Facebook.Is-Sindku ħeġġeġ lill Kunsilliera, sabiex ikunu minn tal-ewwel li jippartecipaw f' dawn l-attivitajiet.

7. **Attivitajiet tal-Milied.** Il-Kunsill ser jorganizza Christmas Open Market nhar il-Hadd 7 ta' Diċembru 2014 u ser jorganizza kunċert fis-26 ta' Diċembru 2014 (Boxing day) bis-sehem ta' band lokali, Freddie Portelli u Ron Briffa. Barra dawn l-attivitajiet il-Kunsill ser jieħu sehem fl-attivitajiet l-oħra, li huma kunċert

tal-MUSEUM nhar il-Milied, tqassim ta' tifkiriet lil dawk il-persuni li ma joħorgux mid-djar u Presepju Ħaj. Il-Kunsill ser jieħu hsieb ukoll iżejjen it-toroq għal dawn il-festi principali b' dawl professjonali.

## 8. Korrispondenza.

(5080) E-mail mingħand Transport Malta dwar talbiet
(5081) Korrispondenza mingħand l-FAA (Flimkien għal Ambjent Aħjar) dwar qlugħ ta' siġar fi Pjazza San Pietru u San Pawl
(5082) Korrispondenza mingħand Alan Deidun dwar siġar fi Pjazza San Pietru u San Pawl
(5083) Ittra mill-Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali dwar akkumalazzjoni ta' leave.
(5084) Memo 12/2014 Skema ta' Għajnuna Finanzjarja għall-Korsijiet Lifelong Learning 2014-15
(5085) Ftehim Kollettiv tal-Impjegati tal-Kunsilli Lokali 2012-2016
(5086) Email mingħand Europe Direct Information Centre dwar attivita' nhar il-Hamis 13 ta' Novembru
(5087) Kwotazzjoni għal CCTV
(5088) Ittra mingħand il-Perit Saviour Micallef dwar il-bankina fi Pjazza L-Arċipriet Martin Camilleri
(5089) Ittra mit-Transport Malta dwar rapport għar-Reserved Parking
(5090) Ittra mill-Ministeru għal Għawdex dwar kors tal-Universita' tat-Tielet Eta' F'Għawdex
(5091) Email mingħand Joe Attard (Green MT) dwar ġbir ta' ħġieġ bieb bieb
(5092) Email mingħand l-Inginien Mario Galea dwar is-sistema tal-PV
(5093) Ittra mill-MEPA dwar Construction of Boundary wall around site (Triq Bingemma)
(5094) Ittra mill-MEPA dwar plant room
(5095) Invitation for collaboration for Community Services with Local Councils
(5096) Email dwar Sign Posting Project
(5097) Email mingħand Franco Pace GO Plc Manager dwar it-Torri ta' Kenuna
(5098) Email mingħand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar intervista dwar "Accessibility Scheme"
(5099) Ittra minn L-Avukat Georgine Schembri f'isem Carmen Vella dwar sinjali sofor.
(5100) Email mill-WSC dwar tenders
(5101) Ittra mid-direttorat għas-servizzi koporattivi dwar sejħa għal talbiet biex jiġu mistħarrġa mill-'Grievances Unit'
(5102) Ittra mill-MUSEUM tal-bniet dwar il-van
(5103) Email mingħand Cora Vella Laurenti dwar EDEN promotion and Awareness Raising
(5104) Email mid-DLG dwar l-Microsoft Office 2007/2013
(5105) Email mingħand Sarah Muscat (SR Group) dwar il-bins tal-pjazza

9. **Korrispondenza.** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Kunsillier Dr. Josianne Cutajar permezz ta' email ftit tal-ħin qabel il-laqgħa tal-Kunsill. Hi għamlet rimarki dwar il-minuti u nformat permezz tal-email meta ma tkunx tista tattendi għall-laqgħa tal-Kunsill fix-xahar ta' Novembru. Il-Kunsilliera preżenti qablu li kunsillier għandu jkun preżenti waqt il-laqgħa tal-Kunsill biex jitlob xi amendi fil-minuti u ħa inkonsiderazzjoni l-ġranet li ma tkunx tista tattendi Dr. Cutajar.

10. **Vacation Leave.** Il-Kunsill approva li l-bilanċ tal-leave tas-segretarju eżekuttiv li ma tkunx laħqet ħadet sa l-aħħar tas-sena jiġi mġedded għas-sena ta' wara. Fil-preżent is-segretarja għandha bilanċ ta' madwar 100 siegħa. Hi ser tieħu xi time off fix-xahar ta' Diċembru.

11. **Sigar fi Pjazza L-Arċipriet Martin Camilleri.** Peress li t-talba tal-Kunsill ma ġietx aċċettata mill-Ministeru għal Għawdex sabiex jinżabru s-siġar (kif dejjem sar fil-passat), fi Pjazza L-Arċipriet Martin Camilleri, il-Kunsill inkariga kumpanija

**Charles Said, Sindku**  **Rita Mifsud Attard, Segretarju Eżekuttiv**

privata biex tagħmel dan ix-xogħol wara li ġabar stima. Dan peress li l-Kunsill kellu ħafna lmenti mir-residenti u s-sidien tal-ħwienet ta' din il-pjazza.

12. **Kors tat-tielet Eta.** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Ministeru għal Għawdex (Sezzjoni għall-Anzjani u bżonnijiet speċjali) dwar il-kors tat-tielet eta. Huma talbu li l-Kunsill iħallas il-miżata għal żewġ persuni anzjani li qatt ma kellhom l-okkażjoni jattendu dawn il-korsijiet. Il-Kunsill għandu jinforma lid-Day Centres tan-Nadur dwar dan u kull Day Centre jagħżel persuna li hi interessata.

13. **Torri ta' Kenuna.** Il-Kunsill irċieva risposta mingħand il-kumpanija GO dwar it-Torri ta' Kenuna u l-possibilta' li jsir *Public Convenience* fl-istess torri għall-użu mill-watchmen li jkunu f'xogħolhom f'dan il-post. Huma qalu li ma jafux li kienu saru il-preparamenti fit-torri biex tkun tista ssir din il-faċilita'. Eucharist Camilleri qal li hu tkellem ma ħaddiem tal-GO iżda l-kuntratt li kien ġie iffirmat issa skada.

14. **Sinjali Sofor.** Wara li ġew approvati sinjali sofor fi Triq Ta' Hida mit-Transport Malta l-Kunsill irċieva ittra mingħand l-Avukat Georgine Schembri f'isem Carmen Vella. Huma talbu li dawn is-sinjali jitneħħew. Iżda l-persuni li kienu talbu dawn l-istess sinjali sofor talbu huma stess li jitneħħew sabiex jevitaw problemi mal-girien.

15. **Accessibility Scheme.** Il-Kunsill applika biex jieħu sehem fl-Iskema "Accessibility Scheme" taħt is-Segretarjat Parlamentari għad-drittijiet ta' persuni b'dizabilita' u anzjanita' attiva u ġie short listed. Dan wara li l-proġett propost ġie amendat. Is-Segretarja ġiet mitluba tagħmel preżentazzjoni dwar il-proġett. Dan sar u l-Kunsill qed jistenna risposta.

16. **Sign Posting.** Il-Kunsill ser jieħu sehem fil-proġett tas-Sign Posting mar-Regjun ta' Għawdex. Għandha ssir laqgħa dwar din l-applikazzjoni fil-granet li ġejjin.

17. **Bankina fi Pjazza l-Arċipriet Martin Camilleri.** Il-Kunsill ircieva mandat ta' inibizzjoni għax-xogħol ta' bini ta' estensjoni ta' bankina fi Pjazza l-Arcipriet Martin Camilleri. Dan sar minn Andrew Muscat. Il-mandat instema' nhar il-Gimgħa 17 ta' Ottubru 2014. Il-mandat ma ġiex deċiz waqt is-seduta tal-qorti u l-maġistrat ordnat li l-partijiet jipprovaw jiftehmu waqt laqgħa tal-Kunsill. Għalhekk għal din il-parti tal-laqgħa kienu preżenti l-Avukat Carmelo Galea għan-nom tal-Kunsill, il-Perit Salvu Micallef għan nom ta' Antoinette u John Said u Andrew u Nadette Muscat. Saret diskussjoni dwar kif tista ssir l-estensjoni tal-bankina b'tali mod li ma tkun ta' ebda ostaklu għall-partijiet involuti. Waqt il-laqgħa ma sarx ftehim iżda jekk isir kompromess mill-partijiet qabel tinqata' is-sentenza tal-qorti, dawn għandhom jinformaw lill-avukat tal-Kunsill.

18. **Proġett tal-Pjazza.** Il-Kunsill beda x-xogħol fi Pjazza San Pietru u San Pawl fuq in-naħa tal-banek kif hemm fil-permess tal-MEPA PA1458/09. Il-Kunsill qala' s-siġar tan-naħa tal-bank u kif sar hekk, *Flimkien għal Ambjent Aħjar* attakka l-Kunsill mingħajr ma ra l-kundizzjonijiet tal-permess. Il-Kunsill ħareġ stqarrija li

deheret fil-media. Wara li saret din l-istqarrija l-Kunsill reġa irċieva korrispondenza mingħand Flimkien għal Ambjent Aħjar fejn allegaw li jistgħu jitolbu li l-fondi tal-UE jiġu sospizi. Il-Kunsill għandu jara mal-perit u GAG jekk dawn il-fondi jistgħux jiġu sospiżi u bħala risposta għall-ittra ta' Flimkien għal Ambjent Aħjar ġiet iddraftjata din:

The removal of further trees is not part of the projected works for the coming weeks, and in the meantime we welcome your expert advice on any suitable alternatives for the removal of trees. We do however request you to bear in mind that we have deadlines and commitments which must be observed and that the works complained of are authorized by the competent authorities. We are not in a position to pay for expert advice.

Dr. Josianne Cutajar qalet li hi ma taqbilx li s-siġar tan-naħa l-oħra tal-Pjazza (in-naħa tal-għassa tal-pulizija) jinqalgħu qabel ma jkollna risposta dwar il-finanzjament mill-fondi tal-Unjoni Ewropeja. Is-Sindku Charles Said, il-Viċi Sindku Eucharist Camilleri u Dr. Rita Mifsud qablu li s-siġar għandhom jitneħħew meta jkun qed isir ix-xogħol tal-pavimentar, fuq in-naha tal-banek kummercjali. Kien hemm qbil li l-bus shelter għandha titneħħa. Dan irid isir mill-kumpanija FACES. Il-bus shelter terġa teħel wara li jitlesta x-xogħol.

Il-Kunsilliera qablu wkoll li għandu jsir aktar dawl fil-pjazza, barra l-lampi ornamentali eżistenti. Ġie issuġġerit li jkunu lampi fil-bankina. Kien hemm qbil li jsir ix-xogħol rikjest (pipes fil-bankina) biex jekk fil-futur jiġi deċiż li jsiru ma jkunx hemm bżonn li titqatta' l-bankina.

Is-Sindku talab li jiġi maħtur contract manager fuq il-proġett tal-Pjazza. Dan għaliex qed jispiċċa jagħmel ix-xogħol hu, meta hu mhux Perit. Is-Segretarja nformat lill-Kunsill li l-Perit tal-Kunsill Robert Grech huwa l-contract manager u għalhekk ma jistax jiġi nkarigat contract manager ieħor. Is-Segretarja għandha tkellem lill-perit sabiex ikun aktar preżenti fuq is-sit tax-xogħol.

19. **Ġbir ta' Ħġieġ.** Minn nhar il-Ħamis 6 ta' Novembru ser jibda jinġabar il-ħġieg minn wara l-bibien tar-resident sabiex jiġi riċiklat. Dan ser jibda jsir l-ewwel Ħamis ta' kull xahar.

20. **President ta' Malta.** Is-Sindki ġew informati li l-E.T. Marie Louise Coleiro Preca, President ta' Malta ser tagħmel visita f'kull raħal bejn l-20-21 ta' Diċembru biex tagħmel *fund raising* għal Community Chest Fund. Għal dan il-għan il-Kunsilli flimkien mal-Parocci ġew mitluba biex jagħmlu attivita bl-involviment tal-għaqdiet tar-raħal.

Il-laqgħa ntemmet fis-7:45p.m. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta 25 ta' Novembru fil-5:30 ta' wara nofsinhar jew jekk jista kulħadd f'ħin qabel.

**Charles Said, Sindku**



**Rita Mifsud Attard, Segretarju Eżekuttiv**

**Kunsill Lokali: Nadur**

**Skeda Numru36**

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti
**Data: 2014 23/10/2014**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Dr.Rita Mifsud | €31.69 | €31.69 | | Pmp. Hyd. | 20/06/14 | 1238 | 13247 |
| 2 | Go Plc | €76.76 | €76.76 | | Telephone bills | 13/10/14 | 40334364/40324466 | 13248 |
| 3 | John Ivan Xuereb | €942.14 | €942.14 | | General hand - September | 30/09/14 | 19407 | 13249 |
| 4 | Joseph Magro | €511.18 | €511.18 | | Bulky refuse August - September | 31/08/14 | 14024/14025 | 13250 |
| 5 | Simon Sultana | €880.00 | €880.00 | | Sweping and cleaning of Grunju, Hida and tal-Hali area | 10/06/14 | 197 | 13251 |
| 6 | Mario Cardona | €208.34 | €208.34 | | Opening of Public Convenience and wine Festival afterhours | 10/03/14 | 1 | 13252 |
| 7 | Charles Mifsud | €190.00 | €190.00 | | Cleaning of Xaghri area - September | 30/09/14 | | 13253 |
| 8 | Joseph Cauchi | €422.00 | €422.00 | | Gnien il-Kunsill July and August | 24/09/14 | 79 | 13254 |
| 9 | Mary Rose Grima | €90.00 | €90.00 | | Day Centre September | 30/09/14 | | 13255 |
| 10 | Concetta Mifsud | €90.00 | €90.00 | | Day Centre September | 30/09/14 | | 13256 |
| 11 | Gemma Zammit | €105.00 | €105.00 | | Day Centre September | 30/09/14 | | 13257 |
| 12 | Saviour Xiberras | €105.00 | €105.00 | | Fuel allowance | 30/09/14 | | 13258 |
| 13 | Chris Paul Cardona | €174.50 | €174.50 | | Sweeping of San Blas September | 30/09/14 | 26 | 13259 |
| 14 | Teddie Zammit | €500.00 | €500.00 | | Musical services at Wine Festival | 17/10/14 | | 13260 |
| 15 | Smart Office Supplies Ltd. | €34.81 | €34.81 | | Stationery | 10/03/14 | 12205/11756 | 13261 |
| 16 | Salvu Meilak | €185.25 | €185.25 | | Cleaning of Public Convenience September | 10/06/14 | 8664080 | 13262 |
| 17 | Mary Attard | €76.68 | €76.68 | | Librarian September | 30/09/14 | | 13263 |
| 18 | Pro stage sound | €1,500.00 | €1,500.00 | | PA System for wine Festival | 31/08/14 | 1361 | 13264 |
| 19 | George Grech | €140.00 | €140.00 | | Rampa tal-injam | 10/04/14 | 27 | 13265 |
| 20 | Road Construction Co. Ltd. | €247.80 | €247.80 | | Cold Mix Bags | 14/10/14 | 12606 | 13266 |
| | **Total** | **€6,511.15** | **€6,511.15** | | | | | |

Sindku

Segretarju Ezekuttiv

Kunsillier

Kunsillier

**Kunsill Lokali: Nadur**

**Skeda Numru36**

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Data:**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 21 | Manuel Mercieca | €120.00 | €120.00 | | Folding chairs | 30/09/14 | 917 | 13267 |
| 22 | KIP Ltd. | €3,990.00 | €3,990.00 | | Refuse Collection September | 30/09/14 | 18142 | 13268 |
| 23 | Portelli Print | €915.82 | €915.82 | | Posters | 10/10/14 | 959956/960952 | 13269 |
| 24 | Franklin Cardona | €70.00 | €70.00 | | Distribting magazine | 20/10/14 | | 13270 |
| 25 | Anna Camilleri | €176.11 | €176.11 | | Hardware | 07/04/14 | 358 | 13271 |
| 26 | Kelly Cassar | €40.00 | €40.00 | | Musical service at Wine Festival | 18/10/14 | | 13272 |
| 27 | Charles Said | €166.00 | €166.00 | | Elderly outing | 14/10/14 | | 13273 |
| 28 | Rita Mifsud Attard | €71.85 | €71.85 | | Reimbursement | 23/10/14 | | 13274 |
| 29 | Pierre Vella | €442.00 | €442.00 | | Signs | 29/09/14 | 14011 | 13275 |
| 30 | Danny Magro | €250.00 | €250.00 | | Musical Service at Wine Festival | 10/02/14 | 16 | 13276 |
| 31 | Ozone Ltd. | €56.11 | €56.11 | | Telephone Bill | 30/09/14 | 103636 | 13277 |
| 32 | P & J Debono Cons. Ltd. | €3,288.23 | €3,288.23 | | Cement | 09/01/14 | 17341/17464/17340 | 13278 |
| 33 | BDL Ltd. | €106.46 | €106.46 | | Books | 10/07/14 | 239279 | 13279 |
| 34 | Mark Attard | €2,028.00 | €2,028.00 | | Tal-Hali Railing | 30/09/14 | | 13280 |
| 35 | Francis Caruana | €140.40 | €140.40 | | Tiles | 10/07/14 | 60874 | 13281 |
| 36 | Rupert Grech | €350.00 | €350.00 | | Fire work for Wine Festival | 15/09/14 | 101 | 13282 |
| 37 | ICS | €79.99 | €79.99 | | Kingston Data Traveller | 17/10/14 | 91198 | 13283 |
| 38 | Joseph Buttigieg | €98.00 | €98.00 | | Repair of tent | 09/10/14 | 68273 | 13284 |
| 39 | ELC Ltd. | €649.00 | €649.00 | | Pruning of trees | 13/10/14 | 11303 | 13285 |
| 40 | Joseph Rapa | €1,726.10 | €1,726.10 | | Pavements | 22/10/14 | 3340056 | 13286 |
| | **Sub total** | **€8,815.69** | **€8,815.69** | | | | | |
| | **balance b/f** | **€6,511.15** | **€6,511.15** | | | | | |
| | **balance c/f** | **€15,326.84** | **€15,326.84** | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

Kunsillier

Kunsillier

**Kunsill Lokali: Nadur**

**Skeda Numru36**

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data:**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 41 | MITA | €39.74 | €39.74 | | E-mail accounts | 10/07/14 | 30694/30762 | 13287 |
| 42 | J de Bono Printing Press Ltd. | €220.50 | €220.50 | | Fitness Flyers | 24/09/14 | 9820 | 13288 |
| 43 | Richard Cauchi | €2,182.64 | €2,182.64 | | Job orders | 10/06/14 | 2188 | 13289 |
| 44 | Sourcelite | €2,675.00 | €2,675.00 | | Rent of lighting and equipment | 20/09/14 | 262 | 13290 |
| 45 | Horace Enterprises Ltd. | €145.14 | €145.14 | | Trophies and medals | 10/10/14 | 6083 | 13291 |
| 46 | Sourcelite | €1,000.00 | €1,000.00 | | Rent of lighting and equipment | 20/09/14 | 256-261 | 13292 |
| 47 | R.A.& Sons Ltd | €1,121.39 | €1,121.39 | | Tiles | 17/10/14 | 8820/8806/8105/8078/8556/8516 | 13293 |
| 48 | R.A.& Sons Man. Ltd | €136.46 | €136.46 | | Kurduna | 25/08/14 | 8712/9491 | 13294 |
| 49 | Peter Paul Said | €1,102.00 | €1,102.00 | | Skips - September | 30/09/14 | 4053 | 13295 |
| 50 | Carmel Mifsud | €3,568.42 | €3,568.42 | | Labour and hiring of machinery | 30/09/14 | 216/217/218/219 | 13296 |
| 51 | Play Safety Malta Ltd. | €695.00 | €695.00 | | 1 picnic table | 30/09/14 | 13 | 13297 |
| 52 | JGC | €695.00 | €695.00 | | 1 picnic table | 29/09/14 | 261 | 13298 |
| 53 | Ronnie Mizzi | €63.00 | €63.00 | | air filter and labour | 10/10/14 | 2242 | 13299 |
| 54 | Gozo Folk Groip Astra | €350.00 | €350.00 | | Services rendered at Xandriku Fest | 13/09/14 | 3 | 13300 |
| 55 | Permanent Secretary | €50.00 | €50.00 | | Advert | 15/10/14 | | 13301 |
| 56 | VOID | VOID | VOID | | VOID | 15/10/14 | VOID | 13302 |
| 57 | Janet Camilleri | €30.00 | €30.00 | | Refund | 28/10/14 | | 13303 |
| 58 | Louise Vella | €30.00 | €30.00 | | Refund | 28/10/14 | | 13304 |
| 59 | Dorothy Vella | €30.00 | €30.00 | | Refund | 28/1014 | | 13305 |
| 60 | Michelle Buttigieg | €30.00 | €30.00 | | Refund | 28/10/14 | | 13306 |
| | | €14,164.29 | €14,164.29 | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | €15,326.84 | €15,326.84 | | | | | |
| | **Total** | €29,491.13 | €29,491.13 | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

Kunsillier

Kunsillier

Kunsill Lokali: Nadur

Skeda Numru36

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data:**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Pamela Muscat | €30.00 | €30.00 | | Refund | 28/10/14 | | 13308 |
| | Dept. Of information | €9.32 | €9.32 | | Advert | 30/10/14 | | 13309 |
| | Angie Pisani | €27.00 | €27.00 | | Refund | 30/10/14 | | 13310 |
| | Lesley Camilleri | €27.00 | €27.00 | | Refund | 30/10/14 | | 13311 |
| | Faces Displays Ltd. | €2,714.00 | €2,714.00 | | Removal and reinstallation of bus shelter | 31/10/14 | SIN005601 | 13312 |
| | Maltapost | €26.00 | €26.00 | | Stamps | 11/03/14 | FR | 13313 |
| | Charles Said | €406.35 | €406.35 | | Mayor's Allowance | 11/03/14 | | 13314 |
| | Rita Mifsud Attard | €1,579.91 | €1,579.91 | | Salary | 11/03/14 | | 13315 |
| | Saviour Xiberras | €1,081.46 | €1,081.46 | | Salary | 03/11/14 | | 13316 |
| | Claire Hili | €947.34 | €947.34 | | Salary | 11/03/14 | | 13317 |
| | Commissioner of Inland Re | €1,292.08 | €1,292.08 | | October | 11/03/14 | | 13318 |
| | Matthew Xuereb | €144.50 | €144.50 | | October | 11/03/14 | | 13319 |
| | Grace Portelli | €243.31 | €243.31 | | Sweets | 11/03/14 | | 13320 |
| | Joseph Meilak | €300.16 | €300.16 | | Youth Charter meeting | 11/06/14 | | 13321 |
| | Vincent Meilak | €300.16 | €300.16 | | Youth Charter meeting | 11/06/14 | | 13322 |
| | Local Councils Association | €55.00 | €55.00 | | Mayor's Meeting | 11/07/14 | | 13323 |
| 77 | Gozo Channel Co. Ltd. | €342.45 | €342.45 | | Ferry tickets | 11/12/14 | | 13324 |
| 78 | DOI | €9.32 | €9.32 | | Advert | 11/12/14 | | 13325 |
| 79 | | | | | | | | |
| 80 | | | | | | | | |
| | **Sub total** | **€9,535.36** | **€9,535.36** | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€15,326.84** | **€15,326.84** | | | | | |
| | **Total** | **€24,862.20** | **€24,862.20** | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv